MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1158/2003

**MALTACOM PLC**

vs

**NORMAN LOWELL**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta nomine kontra Norman Lowell (Cit. Nru. 1142/96NA) giet deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni TeleMalta s-somma ta' LM6131.06 (sitt t'elef, mija, wiehed u tletin liri Maltin u sitt centezmi), in konnessjoni mas-servizz

telefoniku numru 436678 li kien installat fil-fond numru 44, ‘Halcyon’, Triq iz-Zaghfran, Attard bl-imghax u bl-ispejjez.

Ippremettiet li s-Socjeta’ Matalcom plc illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni TeleMalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Ippremettiet illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn u b’hekk l-amont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre LM447.68 (erba’ mija seba’ u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll LM3,433.39 (tlett elef , erba’ mija, tlieta u tletin liri Maltija u disa’ u tletin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-21 ta’ Ottubru, 2003, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ LM10,012.13 (ghaxar t’elef u tnax il-liri Maltin u tlettax il-centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ippremettiet illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talab lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tar-rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja ta' l-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------